# Żejtun Corinthians U kif beda l-futbol Żejtun



**Minn Karmenu Baldacchino**

Fit-13 ta' Jannar 1924, intlagħbet logħba mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni bejn Floriana Liberty u Żejtun Rovers. Din kienet l-ewwel logħba, għall-anqas sa fejn nafu, li ħa sehem fiha tim miż-Żejtun. Din il-logħba saret fl-Empire Sports Ground u ġiet mirbuħa mit-tim tal-Furjana 2-0.

Żejtun Rovers kien wieħed minn ruxxmata ta' timijiet li kellna f'pajjiżna f'dak il-perjodu. Donnu li kulħadd ried jgħaqqad tim. Kien hawn mhux biss timijiet li jirrappreżentaw 'il-belt jew lir-raħal tagħhom, iżda wkoll ħafna oħrajn hekk imsejħa tad-dilettanti. Billi ħafna minn dawn it-timijiet applikaw biex jieħdu sehem fil-kampjonat, l-MFA għażlet disa' timijiet u poġġiethom fit-Tieni Diviżjoni.



Żejtun Corinthians fl-ewwel snin mit-twaqqif tagħha fis-snin erbgħin (Hajr - Gejtu Mangion)

Għall-ewwel, il-kompetizzjoni bdiet tajjeb. Kien hemm ħafna partiti sbieħ u akkaniti, iżda aktar m'għadda ż-żmien xi wħud mit-timijiet bdew jitilfu l-interess u l-kompetizzjoni spiċċat f'farsa. Tant inqala' nkwiet lejn tmiem il-kampjonat li l-MFA kellha tissospendi lil Senglea United, Gżira United u Marsa United.

Biex ngħidu kollox, Żejtun Rovers xejn ma' marru tajjeb f'din il-kompetizzjoni. Rebħu biss punt wieħed fid-draw ta' 1-1 kontra Sliema Rangers. Iżda għall-anqas, ġabu ruħhom b'mod mill-aktar sportiv u tista' tgħid li qatt m'inqala' nkwiet fil-logħbiet tagħhom. Spiċċaw il-kampjonat fis-sitt post u setgħu, kieku riedu, jerġgħu jieħdu sehem fit-Tieni Diviżjoni fl-istaġun ta' wara, iżda sfortunatament, fl-istaġun 1924-25, il-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni ma ġiex organizzat u Żejtun Rovers għeb mix-xena u qatt iżjed ma reġgħu ħadu sehem fil-kampjonat Malti (1).

Fis-snin tletin, il-futbol Malti għadda minn perjodu mill-isbaħ. L-interess fil-logħba kiber tant, li madwar Malta kollha bdew jinbtu ħafna timijiet ġodda. Dan il-fenomenu seħħ minħabba l-plejers barranin li bdew ġejjin Malta u għal ħafna żjarat li għamlu fostna timijiet mill-Ewropa Ċentrali.




1959/60 - III Div League and Knock out Double Victory. (Hajr: Carmelo P. Baldacchino)

Tista' tgħid li f'kull belt jew raħal kont issib xi żewġ timijiet. Ħafna minnhom kienu timijiet tad-dilettanti, għalkemm xorta waħda kienu jieħdu sehem fil-kampjonat Malti. Ħafna oħrajn kienu jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ. Wieħed minn dawn tal-aħħar kien Żejtun Athletics.

Żejtun Athletics ġew imwaqqfa għall-ħabta tal-1935 u fl-istaġun, 1935-36 ħadu sehem fil-Junior Cup li kienet kompetizzjoni organizzata mill-MFA għat-timijiet taż-żgħażagħ.

Wara din il-logħba, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-plejers xterdu ma' timijiet oħra. Mifsud mar ma' Vittoriosa Stars, Vicar u Vella telqu ma' Sliema Wanderers, Sacco mar ma' Floriana u Bonavia ma' St George's. Fl-1947-48, Żejtun United ħassew ħafna t-telf ta' dawn il-plejers u spiċċaw biss fis-sitt post tal-klassifika finali. Qatgħu qalbhom u żarmaw it-tim. Posthom ħaduh Żejtun Corinthians (3).

Żejtun Corinthians ġew imwaqqfa fl-1943 minn ċertu Horatio Cassar li kien ukoll l-ewwel Segretarju tal-klabb. Huma għamlu d-debutt tagħhom fit-Tielet Diviżjoni fil-11 ta' Marzu 1945 kontra Msida Amateurs u tilfu 3-0. F'dak l-istaġun spiċċaw fir-raba' post tal-klassifika finali iżda, fl-istaġun ta' wara, kellhom iċedu posthom fil-kampjonat minħabba r-regola tad-District Representation.

Il-kumitat tal-klabb fl-1945-46 kellu lil J. Cassar bħala President, J. Galea Viċi-President, J. Cachia Segretarju, C. Bonnici Assistent Segretarju, O. Cassar Teżorier, V. Libreri Assistent Teżorier, J. Bonnici Manager u Membri s-sinjuri, G.B Caruana, G.M. Bonnici, J. Bonnici, S. Bonnici u C. Bonnici.

Kif diġà rajna, Żejtun Corinthians ma ridux jingħaqdu ma' Beland City u Żejtun United. Fl-1948 Żejtun United żarmaw għal għarrieda u l-Corinthians reġgħu applikaw biex jieħdu posthom fit-Tieni Diviżjoni. L-MFA kienet diġà tat dan il-post lil Mosta. Għalhekk il-Corinthians kellhom jikkuntentaw b'post fit-Tielet Diviżjoni.

Fl-1949-50 telgħu għall-ewwel darba fit-Tieni Diviżjoni wara li għelbu lil Marsa 3-1 fiċ-Championship Decider iżda, wara żewġ staġuni, reġgħu ġew relegati. Fl-istaġun 1952-53 rebħu s-sezzjoni tagħhom iżda mbagħad tilfu d-decider kontra Gżira United u ma ġewx promossi.

1. Carmel Baldacchino, 'Goals, Cups, and Tearsí, Volum 2
2. Carmel Baldacchino, 'Il-Klabbs Maltin tal-Futbol, it-Tieni Volumí.
3. Remi Sacco 'Maí Dwar il-Clubsí, Sport, 07-02-64.

# Mill-Passat ...



Lulju 1919: Il-bajja ta' San Tumas, dak iż-żmien kienet parti miż-Żejtun, l-Banda Beland bħala 'okkażjoni' tal-ftuħ tal-istaġun tas-sajf kienet iddoqq f'dik li tissejjaħ Marching Out. Fir-ritratt il-banda ma tidhirx pero jintlemħu xi bandisti bl-uniformi. Kienet tkun qisha festa u għalhekk ħafna nies jidhru libsin pulit. Fi tmiem il-ġimgħa kulħadd kien jirħila għall-għawm u xalar fil-bajja ta' San Tumas. Il-Ħadd kulħadd kien jirritorna lejn iż-Żejtun u kienu jistennew lill-Banda Beland ħdejn il-Knisja ta' San Girgor fejn minn hemm kien jibda marċ 'ala Veneziana' sal-Każin quddiem il-Knisja Parrokjali fost is-sodisfazzjon ta' kulħadd (Ritratt: Hajr lis-Sur Trevor Zahra).



Dilettanti tan-Nar Belandisti fuq il-bejt tal-Każin lejn l-aħħar tas-snin 40 (Ritratt miġbud mill-ex Kaxxier is-Sur Salvu Spiteri).



Misraħ Gregorio Boniċi kif kien fil-bidu tas-seklu 20 (Ritratt: Hajr lis-Sur Edwin Montebello).